

**Rapport finali ta' l-uffiċjal tas-smiġh fil-każ COMP/M.4215 — Glatfelter/Crompton Assets**

(skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smiġh f'ċerti proċedimenti ta' kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)

(2007/C 131/04)

Fl-4 ta' April 2006 il-Ġermanja talbet referenza tal-każ lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 22 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/ 2004 (*Regolament dwar l-Għaqdiet*). Skond l-Artikolu 22 (2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-Kummissjoni infurmat l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u l-impriżi kkonċernati dwar it-talba. Ir-Renju Unit ingħaqad fit-talba ta' referenza. Fil-15 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni ddeċidiet taċċetta t-talba biex teżamina l-konċentrazzjoni u infurmat l-Istati Membri u l-impriżi dwar id-deċiżjoni tagħha.

B'hekk, fis-16 ta' Awissu 2006, il-Kummissjoni rċeviet notifika dwar il-konċentrazzjoni proposta li permezz tagħha, P.H Glatfelter company takkwista kontroll sħiħ ta' Lydney Business ta' J.R. Crompton Ltd li kienet tqiegħdet f'amministrazzjoni, permezz tax-xiri ta' assi.

Wara li eżaminat in-notifika, il-Kummissjoni kkonkludiet illi t-tranżazzjoni notifikata kienet taqa' fl-ambitu tar-Regolament ta' l-Għaqdiet u li kienet tqajjem dubbji serji dwar il-kompatibilità mas-suq komuni u l-ħidma mal-Ftehim taż-ŻEE. Għaldaqstant, fl-20 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċedimenti skond l-Artikolu 6.1(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Wara investigazzjoni fid-dettal tas-suq li twettqet mid-dipartimenti tal-Kummissjoni, ġie konkluż illi t-tranżazzjoni proposta ma kinitx ser timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti, u li b'hekk hija kompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE. B'hekk, ma ntbagħtet l-ebda Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lill-partijiet.

Ma saru l-ebda mistoqsijiet jew sottomissjonijiet lill-Uffiċjal tas-Smiġh mill-partijiet jew minn xi parti terza oħra. Il-każ ma jagħtix lok għal xi kummenti partikolari dwar id-dritt għas-smiġh.

Brussel, is-7 ta' Diċembru 2006.

Karen WILLIAMS

---